

Brussell, 11 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0429 (NLE)

---

---

5256/19  
ADD 1

TRANS 10  
EU-GNSS 2  
MAR 5  
AVIATION 3  
ESPACE 1  
RELEX 17  
CSC 5  
COREE 1

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Jannar 2019

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2018) 853 final - ANNEX

---

Suġġett: ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni  
tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta'  
Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati  
Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra,  
f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni  
tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-  
Unjoni Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 853 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2018) 853 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.1.2019  
COM(2018) 853 final

ANNEX

**ANNEX**

*tal-*

**Proposta għal  
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

PROTOKOLL

GĦALL-FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI

DWAR SISTEMA ĊIVILI GLOBALI TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GNSS)

BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA,

U R-REPUBBLIKA TAL-KOREA, MIN-NAĦA L-OĦRA,

SABIEX TITQIES L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA U TAR-RUMANIJA MAL-UNJONI EWROPEA

L-UNJONI EWROPEA,

u

R-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,  
IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,  
IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,  
IR-RUMANIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,  
IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,  
IR-RENJU TAL-IŻVEZJA, u  
R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "I-Istati Membri",  
minn naħa, u

R-REPUBBLIKA TAL-KOREA,  
min-naħa l-oħra,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 u, b'mod partikulari, fl-Artikolu 18(3) tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 u l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja magħha fl-1 ta' Lulju 2013,

XEWQANA li r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija jaderixxu mal-Ftehim,

FILWAQT LI JQISU l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni ta' dawk l-Istati għall-Ftehim irid jintlaħaq qbil dwarha permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għal dak il-Ftehim,

FTEHMU KIF ĠEJ:

#### ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, u għandhom jadottaw u jieħdu nota, rispettivament, tat-test tal-Ftehim hekk kif għamlu l-Istati Membri l-oħrajn.

#### ARTIKOLU 2

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

#### ARTIKOLU 3

It-testi tal-Ftehim bil-Bulgaru, bil-Kroat u bir-Rumen huma mehmużin ma' dan il-Protokoll.

#### ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu jidhul fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu għarrfu lid-Depożitarju tal-Ftehim, permezz ta' noti diplomatiċi, li jkunu lestew il-proċeduri legali interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati kif xieraq jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ kopji fi xxx, f'dan l-xx jum ta' mm tas-sena elfejn u zz, bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bil-Korean, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

GĦALL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI  
MEMBRI

GĦAR-REPUBBLIKA TAL-KOREA